TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 545/10

**Marica Ellul**

**vs**

**Tanti Opticians**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' sebgħin ewro (€70), kif ukoll danni morali rappreżentanti prezz ta' lenti illi kienet ordnat tad-ditta Bausch & Lomb, iżda ġiet supplita b'ditta oħra u din ma riditħomx.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottomettiet bil-miktub illi hija kienet ordnat lenti tad-ditta Bausch & Lomb għal prezz ta' sebgħin ewro (€70), u ġiet supplita lenti ta' ditta oħra. Wara li ppruvat il-lenti l-oħrajn, għajnejha tawha fastidju u minkejja li ppruvat tieħu l-flus lura, d-ditta intimata irrifjutat.

**It-Tribunal jinnota illi:**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

It-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub..

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' sebgħin ewro (€70), b'dan illi l-lenti jiġu ritornati lura lis-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**